**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta tal-Erbgha 2 ta' Gunju 2021**

**Kawza fl-ismijiet: 197/ 19 AGV**

**AB f'isem u in rapprezentanza ta' bintha minuri CB**

**Vs**

**DE u Direttur Tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti rat ir-Rikors guramentat tar-rikorrenti datat 16 ta' Awwissu, 2019 fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Illi CB tweldet fil-11 ta' Awwissu, 2003, bint AB u missier indikat mhux maghruf.

2. Illi omm C, AB indikat lil konvenut bhala l-missier naturali tal-istess CB.

3. Illi meta CB kienet avvicinat lil missierha biex jagharfha bhala bintu, dan irrespingiha.

4. Illi CB ghandha l-jedd illi l-missier naturali taghha jkun indikat fl-atti tal-istat civili taghha, u dan kif jipprovdi ukoll l-artikolu 86 A tal-Kodici Civili.

5. Illi ghalhekk qed isir din il-kawza.

6. Illi AB, f' isem u in rapprezentanza ta' bintha minuri CB, tiddikjara li taf bil-fatti fuq esposti personalment.

Ghaldaqstant l-attrici fil-kwalita' taghha hawn fuq premess titlob umilment lil dina Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni iehor xierqa u opportuna, joghgobha:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l–konvenut huwa l–missier naturali ta' CB
2. Tordna li l-konvenut jigi registrat bhala l-missier naturali ta' CB fl-atti kollha tal-istat civili. Inkluz l-att tat-twelid, bin-numru progressiv 2869/ 2003.
3. Tordna li CB tiehu kunjom il-konvenut u warajh jizdied kunjom ommha 'B', u li dan jigi ukoll registrat fuq l-atti kollha tal-istat civili taghha, inkluz, l-att tat-twelid taghha bin-numru progressiv 2869/ 2003 a tenur tar-raba' proviso tal-artikolu 92 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

B' riserva ghal kull dritt ta' azzjoni, ohra spettanti lil-attrici.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' DE datata 24 ta' Frar, 2020 fejn eccepixxa bir-rispett:-**

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, jigi rilevat illi l-proceduri odjerni ma setghux jigi istitwiti qabel ma tigi intavolata ittra ufficjali ai termini tal Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi b' zieda u minghajr pregudizzju ghas-suespost dwar il-mertu, l-esponent jissottometti illi l-partijiet kellhom frekwentazzjoni qasira hafna.

3. Illi l-esponenti jichad li huwa qatt gie avvicinat li huwa jista jkun ghandu bint f' dawn il-hmistax-il sena.

4. Illi fir-rigward tat-talbiet, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-esponenti ma jopponix ghall-istess dment li jsiru testijiet appoziti.

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk jirrizulta li l-minuri hija bintu, l-esponenti jirriserva minn issa li jirregola l-kura u kustodja, access u manteniment tal-istess bint.

   Finalment, l-esponent jopponi ghal ispejjez tal-proceduri odjerni u jikkontendi li dawn ghandhom jigu allokati lill-attrici, gialadarba naqset milli ssegwi l-procedura idoneja.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Il-Qorti rat ir-Risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta' Settembru, 2019 u l-Avukat Dr Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur jiddikjara u jikkonferma dan li gej:-**

1. Illi fil-mertu l-esponent jistqarr li mhux edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat.
2. Illi l-esponent jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lil-partijiet kollha kkoncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-artikolu 100 A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jigi vverifikat jekk il-konvenut hux verament il-missier naturali tal-minuri, CB.
3. Illi bla hsara ghas-suespost, f' kaz li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil DE sabiex jipprezenta d-dettalji personali tieghu permezz ta' nota li tispecifika senjatament, a. In-numru tal-karta tal-identita' , 2 ismu u kunjomu. 3. L-eta' tieghu meta twieldet il-minuri. 4. Il-post tat-twelid tieghu. 5. Il-post tar-residenza tieghu meta twieldet il-minuri, 6. Isem u kunjom missieru. 7. Jekk l-imsemmi missier patern kienx haj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi inserita fl-att tat-twelid tal-minuri.
4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet ghandhom jiddeciedu b' mod definittiv liema kunjom ser tinghata l-minuri, a tenur tal-artikolu 92 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir, tal-esponent u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza in parte fuq l-ewwel eccezzjoni deciza fit-30 ta' Gunju, 2020.

## FATTI

1. L-attrici kienet bdiet tohrog mal-konvenut fis-sena 2000 meta kellha 16-il sena. Damu flimkien ghal sentejn shah u tghid li wara xahar diga' kellhom relazzjonijiet intimi. F'dak il-perjodu tikkonferma li ma kellhiex relazzjoni ma' haddiehor. Kien hemm perjodu fejn kienu miggieldin, pero' kienu regghu irrangaw u wara kienet harget tqila. Missierha kien kecciha mid-dar u riedhom jizzewwgu u tghid li sa anke kienu ffissaw gurnata ghat-tieg fl-20 ta' Marzu, 2003. Izda gara li l-konvenut kien hassar f'Jannar, 2003 u ma riedx jirranga u lanqas ma ried jaf bit-tarbija. It-tifla C kienet twieldet fil-11 ta' Awissu, 2003.

   Tispjega li meta t-tifla kellha sentejn kienet baghtet ittra lill-konvenut tramite avukat sabiex ihallas manteniment ghall-minuri, izda qatt ma kien irrisponda ghal din l-ittra.

2. CB, bint l-attrici u li hi kwazi maggorenni, tikkonferma li meta kellha xi disa' snin, ommha kienet urietha minn kien missierha, peress li kien jahdem Mdina Road, Zebbug u peress li l-attrici kienet qed tohrog ma' wiehed minn Haz-Zebbug kienu spiss ikunu f'dawk l-inhawi. Taf li l-konvenut qatt ma ried jaf biha u lanqas qatt ma kkontribwixxa ghall-manteniment taghha.

Izid tghid ukoll li fis-sajf 2019 kienet iggieldet ma' nannuha, li mieghu kienet tghix u ma riditx tibqa' tghix mieghu u kien ghalhekk li kienet ghamlet kuntatt mal-konvenut, fejn gharrfitu li hi bintu u li xtaqet tmur tghix mieghu. Irrisponda li ma kienx jafha u tikkonferma li minn dakinhar ma kellhiex iktar kuntatt ma' missierha.

3. Dr.Marisa Cassar ikkonfermat li mit-testijiet tad-DNA li zammet irrizultalha li l-konvenut DE huwa l-missier naturali u biologiku ta' CB.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

L-attrici spjegat li mill-2000 ghall-perjodu ta' sentejn kienet tohrog mal-konvenut DE u kien ikollhom relazzjonijiet intimi sa mill-bidunett. Tichad li tul dan il-perjodu kellha relazzjonijiet ma' rgiel ohra. Kien hemm sahansitra pjanijiet sabiex jizzewwgu peress li kien hemm hafna problemi mal-familja taghha li m'accettawx it-tqala.

Il-konvenut kien hassar ftit qabel ma kellu jsir it-tieg skond l-attrici u ma riedx jaf b'bintu. Minkejja li pprezenta r-risposta tieghu, il-konvenut ma rribatix dawn il-fatti.

It-testijiet tad-DNA komplew jikkonfermaw il-verzjoni attrici, li l-konvenut DE huwa l-missier naturali u biologiku ta' CB.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tikkonferma li DE huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri CB;
2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u tikkonferma li l-isem DE ghandu jidher fic-certifikat tat-twelid numru 2869/2003, flimkien mas-segwenti dettalji, li huwa self-employed, iben id-defunt FD u G sive H nee’ I, imwieled il-Pieta’ fid-29 ta’ Jannar, 1983 u residenti Haz-Zebbug, detentur tal-karta ta’ identita’ 135683 (M). Meta twieldet C, kellu 20 sena u missieru kien ghadu haj.
3. Tilqa’ t-tielet talba attrici u tordna li l-minuri CB tiehu kunjom il-konvenut «E» kif ukoll izid kunjom ommha “B’’ u dan ghandu jigi registrat fuq l-atti kollha tal-istat civili taghha, inkluz ic-certifikat tat-twelid 2869/2003.

L-ispejjes ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenut DE.

**Onor.Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**